MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru. 1006/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Charlo Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charlo Borg ta’ 24 sena, iben Carmel u Catherine nee’ Lautier, mwieled Pieta’ fis-16 ta’ Jannar 1985 u residenti gewwa 29, Triq San Guzepp u detentur tal-karta tal-identita’ numru 182885(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar fl-10 ta’ Settembru 2009, ghall-habta ta’ 02:50hrs gewwa Sqaq numru 1, Triq Santa Marija, Zabbar, volotarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara

f'vettura bin-numru EVE004 ta' ghamla Tata Indica, liema hsarat huma ta' iktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta' Evelyn Grech;
Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Settembru 2009 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Frar 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum u bil-kundizzjoni li sa zmien erba'(4) xhur millum ihallas lil parti leza Evelyn

Grech is-somma ta’ erba’ mija u tnejn u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€482.53).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------